Minuti tal-laqgħa numru tnax (12) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar is-26 ta' Frar 2020 fis-6.00pm fil-Bini Munċipali tar-Rabat, 8, Sqaq l-Isptar, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Alexander k/a Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sinjura Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**12.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba** — **Ittri ta' Aploġija**

Is-SE qara l-sms ta' apoloġija tas-Sur Kris Grech filwaqt li s-Sindku qal illi is-Sur Matthew Chetcuti bagħat jiskuża ruħu għax ma jiflaħx. Il-Viċi Sindku u s-Sur Kris Grech kienu unanimament skużati.

**12.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru ħdax (11)** — **Minuti**

Is-Sur Rudolph Grima talab illi fil-minuti numru 11 punt 11 tiddaħħal il-figura ta' €30,000 li turi t-talba biex il-kumitat tal-Kultura jkun jista' jtella' attivita' kulturali nazzjonali fir-Rabat. Kien hemm xi sentenzi oħra li kienu kkoreġġuti biex ikunu ċċarati l-punti li kienu mressqa fosthom fejn iddaħħlu l-ismijiet tal-kunsillieri li kienu ressqu punti oħrajn. Il-Minuti kienu mgħoddija għall-vot u kienu proposti mis-Sindku is-Sur Sandro Craus u u ssekondat mis-Sra Doris Coleiro u dawn kienu approvati unanimament.

**12.03 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 22 u Ċedola tal-pagamenti numru 303**

Kienet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 303 kif ukoll il-*Works/Purchase Order Sheet* numru 22. Dwar din tal-aħħar, għadu ma kienx deċiż x'vettura/i se jinxtraw/jinkrew (on lease) peress li hemm diversi proposti fl-istess dokument.

**12.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**Bandli tal-Baħrija**

Is-Sur Ian Vassallo staqsa dwar is-***safety flooring*** tal-Baħrija. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li fuq il-bandli tal-Baħrija ilna niddiskutu u issa wasal iż-żmien li nieħdu azzjoni. Flimkien mas-segretarju eżekuttiv iddiskutejna l-Bandli tal-Baħrija u ddeċidejna li noħorġu tender biex isir dak kollu meħtieġ. Sussegwentament is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħa lil kuntrattur u tana stima li tinsab fil-PO / WO Sheet 22 u din hija għola mit-*treshold* tad-*direct order*. Għaldaqstant trid toħroġ offerta pubblika. Is-Sur Vassallo qal illi hemm il-***litter bins*** ilhom tliet ġimgħat ma jitbattlu fl-istess post.

**12.05 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' RLC 179 - Street Sweeping in Baħrija**

**Tindif ta' toroq fil-Baħrija**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat laqa' b'vot unanimu ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

**12.06 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' RLC 180 - Empying of Litter Bins and Ashtrays.**

**Tbattil ta' reċipjenti tal-Iskart u ashtrays**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat laqa' b'vot unanimu ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

**12.07 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' RLC 182 - Street Sweeping in Rabat incl Tal-Virtu'.**

**Tindif ta' toroq fir-Rabat**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat laqa' b'vot unanimu ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

**12.08 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' RLC 183 - Decorative Street Lighting**

**Lanterni dekorattivi**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat laqa' b'vot unanimu ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni.

**12.09 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-unika proposta mitfuħa ta' Greenmt (2020) għall-iskart riċiklat.**

**L-aċċettazzjoni ta' Greenmt**

Il-Kunsill aċċetta l-unika offerta li rċieva ta' *Greenmt* b'vot unanimu.

**12.10 Hatra ta' Bord ta' Intervista - Community Inclusive Scheme SPI.SCI.14.2019**

**Community Works Scheme**

Ma kienetx trattata.

**12.11 Fanali Dekorattivi**

**Żjara tal-Papa**

Is-Sindku Sandro Craus qal li dan il-proġett wasal biex jibda jseħħ. Biex jaslu Malta l-fanali għandom jieħdu 6 ġimgħat. L-ewwel ser jibdew jitwaħħlu l-fanali tal-pjazza. Hawn is-Sindku talab lil kunsilliera jekk jafux lil xi ħadd li jista jirrestawra l-fanali li hemm quddiem il-knisja tal-Paroċċa peress li għandom bżonn ħafna manutenzjoni. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus kompla billi spjega li wara li jitwaħħlu l-fanali dekorattivi kollha tal-pjazza imbgħad jibda x-xoghol fuq il-fanal dekorattivi li huma mwaħħla mal-faċċati tad-djar. Dawn illum qed jiswew ħafna flus biex jissewwew u barra minn hekk uħud minnom spiċċaw. Is-Sur Rudolph Grima ppropona illi dawn għandhom jinqalgħu u nippruvaw inbiegħuhom. Dawk tal-Pjazza tal-Parroċċa se jinbidlu kollha saż-żjara tal-Papa fl-aħħar ta' Mejju.

**12.12 Punti Oħra**

**Punti Oħra**

Is-Sur Ian Vassallo talab biex fi **Triq Santa Rita** jitneħħew il-**parkeġġi** li hemm faċċata tal-Kappella ta' Qasgħa, bejn Triq ir-Rebħa u Triq it-Torri l-Aħmar. Dawn qed ikunu ta' tfixkil għat-traffiku u bil-vetturi pparkjati jista' jiġri xi inċident.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab biex titwaħħal **mera** fi Triq Ħad Dingli fejn l-eks fabbrika tax-xemgħa u oħra fi Triq Ħal Bajjada kantuniera ma Triq Karmena Micallef., kif ukoll kien rakkomandat mis-Sur Ian Vassallo.

Dr Karl Muscat ippropona illi jinstab post fejn ikun prattikat l-isports tal-**logħob tal-boċċi**. Hu qal illi dan jista' jsir p.ez fi Ġnien Bir Iljun. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi għandna problema wkoll bil-**Club tal-ħamiem** li issa m'għandhomx fejn jipprattikaw l-istess delizzju. Dwar il-Klabb tal-boċċi qamet diskussjoni li biex illum isir Klabb tal-Boċċi hemm bżonn ta' nies dedikati għal dan l-isports u li rridu noqgħodu attenti fejn isir il-pitch tal-boċċi biex ma jkunx ta' nkonvenjent għar-residenti. Ma' jagħmilx sens li l-Kunsill jagħmel pitch tal-boċċi u jintuża minn ftit nies.

Is-Sur Ian Vassallo flimkien ma' kunsillieri oħra semmew ukoll it-**tappieri tad-drenaġġ** u l-gradi tal-*istorm water culverts* fi Triq Gorg Borg Olivier u fi Vjal il-Ħaddiem. Dawn qed jagħmlu ħafna storbu meta jgħaddu l-vetturi minn fuqhom u qed idejqu lir-residenti. Madankollu kien hemm xi wħud fi Triq Gorg Borg Olivier illi nstabilhom rimedju billi tpoġġielhom il-lastiku biex ma jibqgħux iħabbtu. Waħda minn dawn li qed tagħmel ħafna ħoss tinsab fi Triq Ħal Tartarni k/m Triq Ħad Dingli.

Is-Sur Ian Vassallo semma' wkoll Vjal il-Ħaddiem u talab biex isir studju ta' kif nistgħu innaqqsu l-periklu fit-tarf tat-triq kantuniera mal-Għajn tan-Nigret.

Dr Karl Muscat staqsa dwar x'inhuma l-pjanijiet għall-**Iskola Primarja A**. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi rridu nagħmlu proposta tajba bħala Kunsill biex immorru biha quddiem il-Gvern Ċentrali ħalli jsir użu massimizzat mir-riżorsi governattivi. Għal proposta ta' Dr Karl Muscat biex fil-ground ikun prattikat il-logħob tal-BMX, is-Sur Rudolph Grima qal illi ma rridux ngħaġġlu għaliex f'zoni residenzjali bħal din wieħed irid iqis illi l-istorbju jista' jkun ta' nkonvenjent. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi għalhekk hu important illi jsiru l-pjanti minn Perit biex ikollna xi ħaġa konkreta f'idejna u naraw x'potenzjal għandha din l-iskola. Intant issemmiet il-laqgħa li kellhom is-Sindku u s-SE mal-Kap ta' din l-Iskola filwaqt illi kien propost illi f'każ illi niddeċiedu li nagħmlu *Sports Day* din tkun tista' ssir per eż fil-ground ta' Sant Agata. Għal din il-proposta is-Sra Doris Coleiro talbet biex ikun ikkunsidrat li din issir fil-Pjazza tal-Parroċċa billi tingħalaq u tkun ħielsa minn vetturi.

Is-Sur Chris Farrugia talab illi ssir **laqgħa mal-Ispettur** tal-Għassa tar-Rabat dwar it-traffiku. Hu qal illi permezz tas-Sotto Kumitat il-KLR irid jagħmel proposta li tkun valida fir-rigward tas-saħħa u s-sigurta'.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi l-**Binja tal-Komunita' Agostinjana** issa hija deċiża li se tintuża għal skop umanitarju u se jidħlu *partners* magħna l-Awtorita' tad-Djar rappreżentata mis-Sur Leonid Mckay, u l-Aġenzija Sedqa rappreżentata mis-Sur Alfred Grixti. Is-Sindku is-Sur Sandro Craus qal li hu inaċċettabbli li aħna bħala Kunsill inħallu żewġ umani li huma homeless, jorqdu f'kamra viċin il-latirina. Mhux aċċettabbli li l-KLR jippermetti dan kollu. Għalhekk bħala Sindku ħadem biex jirregolarizza dan kollu u llum hu ta' sodisfazzjon għall-Kunsill li flimkien mal-Housing u s-Sedqa ser nagħmlu dan il-proġett imsejjes fuq prinċipji umanitarji. Ser inġibu għajnuna minn dawn l-entitajiet biex nagħmlu din id-dar abitabbli. Ser ikun hemm l-għajnuna ta' *Social Worker* biex lil dawn l-individwi ngħinuhom fil-ħajja ta' kuljum. F'dan il-punt intqal illi persuni vulerabbli għandhom bżonn li jkollhom *social worker* magħhom.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi fis-**Civic Centre** se jitwaħħal it-*three phase* biex imbagħad nibdew id-diskussjonijiet mal-Awtorita' tal-

Artijiet dwar il-*lift* u nerġgħu inħaddmu l-funtana fil-Pjazza tal-Parroċċa. Is-Sur Chris Farrugia talab sabiex terġa' titħaddem il-**funtana ta' Triq il-Kulleġġ.** Is-SE qal illi hu infurmat illi l-ħażna tal-ilma tagħha qed jiskula l-ilma minnha u tinħtieġ li tiġi bbattmata u ssir manutenzjoni fuq il-pompa.

Dwar il-binja tal-**appartamenti tal-Gvern f'Għajn Kajjet**, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se ssir **manutenzjoni fi Block A, B, C u J** u wara nibqgħu sejrin fil-blokki l-oħra. Hawn ser issir manutenzjoni fil-parti komuni, bjut u faccati tal-binjiet. Proġett li ser jiswa eluf ta' ewro. Dan seħħ wara diskussjonijiet twal mal-*Housing* u l-Ministeru. Is-Sindku, is-Sandro Craus rringrazzja lil Ministru Roderick Galdes, liċ-Ċermen Eżekuttiv Leonid Mckay u lis-Sur George Lauria li hu responsabbli minn dan ix-xogħol tal-koperazzjoni kbira li sab minn għandom.

Se jkun avviċinat is-Sur Joseph Debono sabiex jagħmel manutenzjoni fuq il-**lapidi** li għandna fir-Rabat, cioe' biex ikunu mpenġija bl-iswed fuq il-lettering li hu *engraved.*

Reġa' kien imsemmi in-**nuqqas ta' infurzar** u l-laqgħat li qed ikollna mas-Supritendent is-Sur Joseph Hersey. Qed ikun innutat illi l-*coaches* tat-turisti ipparkjati quddiem iċ-ċimiterju qed joħloq problema ta' sigurta' u dawn suppost qed ikunu pparkjati fi Triq l-Infetti. Dwar dan hu infurmat ukoll is-Sindku tal-Imdina peress li dawn qed ikunu bit-turisti li jidħlu f'din il-lokalita'.

Issemma' wkoll il-bżonn li tissejjaħ **laqgħa ma' Transport Malta** u jkunu diskussi tliet punti li l-aktar qed ikidduna bħala Kunsill fosthom il-bżonn li jeħlu t-*traffic lights* il-ġodda fi Vjal il-Ħaddiem. Is-Sur Nazju Cassar semma' l-bżonn li jeħlu U-Bars fi Triq Godwin Ganado għaliex il-vetturi li jkunu ġejjin mill-Buskett jistgħu faċilment jidħlu f'villa viċin.

Is-Sur Chris Farrugia semma' l-problema tas-**sewqan bl-addoċċ** fil-Pjazza tal-Parroċċa u fi Triq il-Kulleġġ viċin l-iskola. Dr Karl Muscat qal illi hemm bżonn jissaħħaħ is-servizz tal-*Community Policeman* u jiżdiedu l-**pulizija** fit-toroq.
Is-Sur Rudolph Grima qal illi l-istess problema hija fis-Saqqajja u għamel proposta biex tkun installata wkoll **cctv fis-Saqqajja.** Is-Sindku Sandro Craus informa lil Kunsill li għaddejjin preparamenti kbar biex titressaq proposta quddiem il-Kunsill rigward il-proġett tas-Saqqajja. Flimkien mad-designer Carlo Schembri u l-Periti tal-Kunsill Medesign qed inħejju proposta li ser tibdel l-aspett infrastrurrali tas-Saqqajja. Is-Sindku qal li l-għan ewlieni ta' dan il-proġett hu li nerġgħu nagħtu lura s-Saqqajja lir-residenti u l-poplu Rabti. Is-Sindku qal li aktar informazzjoni tingħata meta l-pjanti ikunu lesti u tinfetaħ diskussjoni dwar dan il-proġett. Is-Sur Rudolph Grima ppropona li jinqatgħu is-siġar ta' quddiem il-Belveder tas-Saqqajja.

Is-Sur Ian Vassallo talab li jkun **skużat**, kif fil-fatt kien u ħareġ mil-kamra fit-19:55pm.

Is-Sra Doris Coleiro tat rendikont dwar il-persuni li hemm ibbukkjati għall-**ġita fi Sqallija** mal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Din se tinżamm fis-16 ta' Mejju 2020.

Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq proposta ta' **cultural trail** u proposta laqgħa mal-MTA. Hu qal illi jinħtieġ li nġibu risposta dwar il-lista ta' postijiet fir-Rabat li jaqgħu taħt *Heritage* Malta kif ukoll il-lista ta' postijiet fir-Rabat li jintużaw għall-*Bread and Breakfast*, Ristoranti ecc li wkoll jaqgħu taħt l-MTA. F'dan il-punt is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi rridu ngħaddu proposta konkreta bħala KLR sabiex fl-2030 ir-Rabat ikun il-*European Cultural Capital* flimkien mal-Imdina. Din il-proposta trid tkun ifformulata minn kmieni.

Is-Sur Nazju Cassar qal illi qed jaħdem fuq ir-restawr ta' **ħarġriet storiċi hekk imsejħa *mile-stones* u dawk tar-Reġina**. Hu qal illi wara li se jinqatgħu is-siġar il-

ħżiena minn taħt is-Saqqajja, se jipproponi li ssir ħuġġieġa biz-zkuk fl-Imnarja.

## 12.13 Xogħlijiet fil-Fiddien

**Xogħlijiet fil-Fiddien**

Il-***patching* f'Landrijiet** issa hu komplet sabiex ir-residenti tal-Imtaħleb ikunu jistgħu jużaw din it-triq temporanjament bħala aċċess imtawwal għal post ieħor minkejja li trid tinqala' biex jgħaddi d-drenaġġ. Intant kien ukoll imnaddaf il-***culvert*** taħt **Għajn Qajjet** għall-Fiddien.

## 12.14 *Ugrading* tal-latrina ta' Triq il-Kulleġġ

**Latrina ta' Triq il-Kulleġġ**

Is-Sindku is-Sur Sandro Craus informa lill-KLR biex japprova **xogħol li hemm bżonn isir fil-latrina ta' triq il-Kulleġġ.** Hemm ħsarat estensivi u barra minn hekk il-latrina hi fi stat ħażin ħafna. Il-kunsill approva dan ix-xogħol. Aktar dettalji ser jinatgħu fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku propona li barra isir xogħol fil-latrini għandom jitwaħħlu cameras tas-sigurta ħalli min qed jabbuża jieqaf darba għal dejjem. Hu qal illi jinħtieġ illi jinħatt ħajt li hemm fil-parapett għaliex qed jistaħbew warajħ u jkun hemm abbuż. Il-KLR qabel mal-proposta.

## 12.15 Restawr tan-Niċċa ta' San Pawl ta' fuq is-Saqqajja

**Niċċa tas-Saqqajja**

Is-Sindku is-Sur Sandro Craus semma' l-bżonn tar-restawr tan-niċċa ta' San Pawl bħala parti mil-proġett tas-Saqqajja u informa lill-kunsillieri illi d-diżinn ta' dan il-proġett se jkun qed jagħmlu is-Sur Carlo Schembri.

## 12.16 Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.45pm u dik li jmiss se tinżamm nhar is-17 ta' Marzu fl-istess ħin.

| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
|---|---|
| Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum | /3/2020 minn Alexander k/a Sandro Craus |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |